# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 372/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Ivan Gauci**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ivan Gauci, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 570883M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Awwissu, 2013, ghall-habta tat-5:45hrs gewwa Triq Wied il-Ghajn, Zabbar:

1. Waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka King Long bin-numru ta' registrazzjoni BUS-172, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kien involut f'kolluzjoni ma' vettura bin-numru BBD-863 tal-marka Ford u nvolontarjament ikkaguna griehi ta' natura

gravi per durata fuq il-persuna ta' Maria Carmela Spiteri, Theresa Borg u/jew xi persuni ohra, hekk kif iccertifikati minn Dr. Mark Attard Bianchardi ta' l-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kien involut f'kolluzjoni ma' vettura bin-numru BBD-863 tal-marka Ford u nvolontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Zammit u/jew xi persuni ohra, hekk kif iccertifikata minn Dr. Maria Deguara ta' l-Isptar Mater Dei.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru BUS-172 ta' l-ghamla King Long, saq l-imsemmija vettura, b'manjiera traskurata u negligenti.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Ivan Gauci ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Lulju, 2015 li biha sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' elf Euro (€1,000) u skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ivan Gauci, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tikkancella u tirrevoka** s-sentenza appellata billi: tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha dedotti

kontrih; Jew fin-nuqqas **tvarja** is-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li sabet htija u **tikkancellaha** f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u fejn l-appellant gie kkundannat sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u **minflok** taghti piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jilmenta minn din is-sentenza principalment bil-gravami li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment ssibu hati ghaliex hu ma seta' qatt jevita l-incident ghar-ragunijiet minnu elenkati fir-rikors tal-appell tieghu u li ser ikunu konsiderati *seriatim.* B'mod subordinat, jargumenta illi sia l-piena kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzja hija sanzjoni harxa;

2. Kif jirrizulta minn rassenja tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti, f'dan l-incident, li fih weggghu tlett passiggiera, l-appellant li kien qed isuq xarabank baqa' diehel fi trakk parkeggjat li bil-forza tal-impatt dar xi ftit, tela' fuq il-bankina u dahal go faccata ta' dar. L-atti processwali, izda, juru li t-trakk mhux biss dar xi ftit talli dar hafna u tmexxa lura b'tali mod li tela' l-bankina u sfronda l-bieb ta' garage u l-kabina tieghu spiccat prattikament disintegrata. Ix-xarabank ukoll

sofriet diversi hsarat fuq il-parti frontali taghha inkluz il-*windsreen* ;

3. Fl-ewwel argument tal-appellant jirrileva illi inizzjalment kien imputat b'sewqan traskurat, bla kont u perikoluz u sussegwentement il-prosekuzzjoni ssostitwiet dan bl-imputazzjoni ta' sewqan traskurat u negligenti , b'nuqqas ta' hsieb u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Skond l-appellant, l-ghazla tal-prosekuzzjoni li tibdel l-imputazzjoni f'wahda anqas gravi huwa sinjal li hi stess ma kienitx konvinta li s-sewqan tal-appellant kien tali li jikklassifikah bhala wiehed perikoluz. Dan l-argument huwa wiehed fierah ghall-ahhar u qed ikun minnufih skartat;

4. Fit-tieni argument tieghu, l-appellant jghid li huwa kien qed isuq b'mod prudenti u b'dik id-diligenza ordinarjament mistennija mill-*bonus paterfamilias* u li l-incident sehh tort unikament tas-sewwieq tat-trakk. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan. It-trakk kien ipparkjat f'dik il-parti tat-triq disenjata u mmarkata ghal-parkeggjar tal-vetturi. Stante li naturalment huwa xi ftit usa minn vettura normali, it-trakk kien qed jokkupa ftit aktar spazju. It-triq in kwistjoni, li l-ewwel Qorti qieset bhala alkwantu dritta b'vizwali tajba u mhux kif jikkontendi l-appellant, hija wahda b'zewg karreggjati b'naha minnhom jistghu jipparkeggjaw vetturi u ohra b'linja kontinwa u bajda li tivvjeta tali parkeggjar. L-appellant ried lill-ewwel Qorti temmen illi t-trakk ma hallielux spazju minn fejn jghaddi. Ix-xhud tal-appellant li jghid li kien fuq tal-linja u li kellu jallontana izda tah id-dettalji biex jaghti l-verzjoni tieghu aktar tard, qal li bejn il-vetturi parkeggjati u ix-xarabank lanqas kien hemm pied distanza, ahseb u ara

bejn it-trakk u x-xarabank. L-appellant prova jikkonvinci ukoll lill-ewwel Qorti li kien ghaddej b'50 kilometru fis-siegha;

5. L-atti processwali juru stampa assolutament diversa minn dak moghtija mill-appellant u x-xhud tieghu. Wahda mill-passiggiera stess tghid li x-xufier kien "qed isuq daqsxejn iz-zejjed ghal dak il-hin ta' filghodu" u frankament l-eventwali hsara fiz-zewg vetturi b'mod partikolari dik fit-trakk hija *res inter alios acta* u din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jibqa' jsostni l-argument tieghu meta it-triq kienet wiesgha bizzejjed, it-trakk kien wieqaf u parkeggat u l-hsara rizultanti ma tista' tkun xejn ghajr frott ta' sewqan b'velocita u b'disattenzjoni;

6. L-istess jinghad dwar l-argument sussegwenti dwar l-emergenza subitanea. Dan it-trakk ma kkreja ebda tali emergenza u kien il-kwalita' ta' sewqan, jew ahjar in-nuqqas ta' kwalita', li ta lok ghal dan l-incident altrimenti evitabbli;

7. Din il-Qorti ma taqbilx ukoll mal-kritika tal-appellant dwar kif l-ewwel Qorti ghazlet li ma temminx il-verzjoni tieghu u dik tax-xhud minnu propost. Il-Qorti ezaminat id-deposizzjoni tax-xhieda kollha u ma tara xejn sindakabbli bil-mod kif imxiet l-ewwel Qorti li wasslet ghall-konkluzzjoni taghha b'mod korrett, legali u ragjonat. Is-sentenza tal-ewwel Qorti hija radikata minn apprezzament akkurat tal-provi u ma hemm l-ebda lok li din il-Qorti b'xi mod tiddisturba il-konkluzzjoni raggunta;

8. Kwantu l-aggravju dwar il-piena u l-konfiska tal-licenzja, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba

id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti la darba hija fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik moghtija. Tenut kont tal-offizi sofferti mit-tlett passiggiera, din tqarreb aktar lejn il-minimu u dan aktar isahhah il-konviciment taghha li ma jkun hemm l-ebda temperament fil-piena.

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.